

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2008/2099(INI)

24.6.2008

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar 'naħsdu l-benefiċċji kollha tad-dividend diġitali fl-Ewropa: approċċ komuni għall-użu ta' l-ispektrum rilaxxat mill-bidla diġitali (2008/2099(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Cornelis Visser

(*) Proċedura ma' kumitati assoċjati – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jappoġġja l-pożizzjoni tal-Kummissjoni li d-dividend diġitali huwa ta' importanza fundamentali għall-ekonomija ta' l-UE, għall-kisba ta' l-oġettivi tal-proċess ta' Liżbona u għall-istrateġija i2010;
2. Jisħaq li l-prijorità fundamentali tal-bidla għat-teknoloġija diġitali hija r-rispett sħiħ għad-drittijiet tal-konsumaturi u l-miżuri għaż-żieda tad-diversità u l-kwalità tas-servizzi offruti; jenfasizza b'rabta ma' dan il-ħtieġa għall-immaniġġjar tad-dividend diġitali sabiex tiġi żgurata *reception* awdjoviżiva stabbli u ta' kwalità għolja ħielsa minn kull interferenza, li għandha tkun marbuta ma' servizzi *free-to-air* u servizzi oħrajn;
3. Jisħaq li d-daqs tad-dividend diġitali ser ivarja minn pajjiż għall-ieħor, minħabba ċ-ċirkustanzi nazzjonali u minħabba li jirrifletti l-politiki nazzjonali tal-midja u tal-awdjoviżjoni;
4. Għalhekk jinsab konvint li huwa diffiċli li l-użu tad-dividend diġitali jiġi armonizzat fil-livell Ewropew; kwalunkwe azzjoni bħal din għandha tkun progressiva, volontarja u mmexxija mill-Istati Membri
5. Jisħaq madanakollu li, flimkien mal-kunsiderazzjoniet ekonomiċi, il-frekwenzi tar-radju huma riżors pubbliku b'valur soċjali, kulturali u ekonomiku; jinnota li, ladarba titlesta l-bidla, id-dividend diġitali, li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu attwalment mhux magħruf, huwa wkoll strument importanti fil-politiki awdjoviżivi u tal-midja, li għandu jintuża sabiex tiġi promossa b'mod effettiv il-libertà ta' l-espressjoni u l-pluraliżmu fil-midja u d-diversità kulturali u lingwistika, flimkien mad-drittijiet tal-minorenni, u biex jgħin fil-ħarsien ta' dawn l-aspetti;
6. Huwa tal-fehma li, fid-dawl tad-differenzi nazzjonali, inizzjattiva f'livell Ewropew għandha tirrispetta s-sitwazzjoni speċifika u l-ħtiġijiet ta' kulħadd;
7. Jiġbed l-attenzjoni għall-benefiċċji li d-dividend diġitali jista' jgħib lis-soċjetà f'termini ta' aktar servizzi tal-midja awdjoviżiva u aktar differenti, inklużi servizzi li joffru *mobile reception* u ta' kwalità għolja ta' definizzjoni;
8. Għalhekk jinsab konvint li d-deċiżjonijiet dwar l-organizzazzjoni, l-allokazzjoni u l-assenjar tad-dividend diġitali m'għandhomx ikunu immexxija biss mill-għan li l-profitti jiġu massimizzati, iżda għandhom ukoll iħarsu d-dritt tal-utenti attwali għal servizzi tal-midja awdjoviżiva u għandhom jirriflettu d-diversità kulturali u lingwistika;
9. Għalhekk jenfasizza li l-frekwenzi għandhom jiġu assenjati b'mod trasparenti, filwaqt li jqisu l-użi potenzjali kollha ta' l-ispektrum il-ġdid u l-benefiċċji tagħhom għas-soċjetà;
10. Jisħaq li x-xandara huma parteċipanti essenzjali fid-difiża tal-prinċipji pluralistiċi u

demokratiċi u jemmin bis-sħiħ li l-opportunitajiet offruti mid-dividend diġitali jippermettu lix-xandara pubbliċi u lil dawk privati li jipprovdu numru ħafna akbar ta' programmi li jaqdu objettivi ta' interess ġenerali – stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali – bħall-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika;

11. Itenni li fl-interess taċ-ċittadini Ewropej id-dividend diġitali għandu jiġi mmaniġġjat bl-aktar mod effiċjenti u effettiv possibbli sabiex tiġi evitata interferenza fil-fornimanet ta' programmi tat-TV diġitali ta' kwalità għolja lil numru ta' ċittadini li dejjem qed jikber u sabiex id-drittijiet u l-interessi tal-konsumaturi u l-investment tagħhom fit-tagħmir jiġi rispettati.

12. Jisħaq li l-politika ta' l-ispektrum għandha tkun dinamika u li din għandha tippermetti lix-xandara li jużaw teknoloġija ġdida fil-ġejjieni u li jiżviluppaw servizzi ġodda tal-midja awdjoviżiva li jipperemttulhom li jkomplu jaqdu rwol importanti biex ikomplu jiżguraw id-diversità kultrali u l-pluraliżmu tal-midja, filwaqt li jissodisfaw l-aspettativi tal-pubbliku, li dejjem qed jevolvu.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data ta' l-adozzjoni	24.6.2008
Riżultat tal-vot finali	+: 30 -: 1 0: 0
Membri preżenti għall-vot finali	Maria Badia i Cutchet, Katerina Batzeli, Ivo Belet, Giovanni Berlinguer, Nicodim Bulzesc, Marielle De Sarnez, Marie-Hélène Descamps, Jolanta Dičkutė, Milan Gaľa, Claire Gibault, Vasco Graça Moura, Christopher Heaton-Harris, Ruth Hieronymi, Mikel Irujo Amezaga, Ramona Nicole Mănescu, Manolis Mavrommatis, Ljudmila Novak, Dumitru Oprea, Zdzisław Zbigniew Podkański, Mihaela Popa, Christa Prets, Pál Schmitt, Hannu Takkula, Helga Trüpel, Thomas Wise
Sostitut(i) preżenti għall-vot finali	Victor Boștinaru, Mary Honeyball, Elisabeth Morin, Ewa Tomaszewska, Cornelis Visser